MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-12 ta' Awwissu, 2011

Numru. 933/2011

Il-Pulizija
(Sp Priscilla Caruana)
vs
Sandro Pace, iben Anthony, imwieled Pieta’ fil-5 ta’ Novembru, 1983, Karta ta’ l-Identita numru 560383(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fil-11 ta’ Awwissu, 2011 għal ħabta ta’ nofs il-lejl u għaxra minuti (0010) ġewwa Xatt is-Sajjieda, Marsaxlokk:
1. attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b’ħebb ta’ xort’ oħra li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra PS853 Francie Sciberras, persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz publiku, waqt li kien qed jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta’ ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorita’ kompetenti;

2. fl-istess data, lok u ħin inġurja jew hedded jew għamel offiża fuq PS853 Francie Sciberras persuna nkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbezzgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;
3. ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-pulizija, jew ma ħallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħal fi dmirijiethom, billi ma ħalliex lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel, jew billi jġib fix-xejn jew iħassar dak li ħaddieħor ikun għamel skont il-liġi;
4. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi bil-lejl kiser il-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat, ġlied jew mod ieħor;
5. fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi qal kliem oxxen fil-pubbliku.
Il-Qorti ġiet mitluba li barra l-piena stabbilita għal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta' ta' PS853 Francie Sciberras.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Awwissu, 2011 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 95, 96, u 338(dd)(ee) tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal piena ta' sitt xhur priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna li tali piena ma sseħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum. Fiċ-ċirkostanzi mhemmx lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------